MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Numru 1362/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Carmel Degabriele**

Kumpilazzjoni Nru: 390/2009

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Degabriele, bin Joseph u Josephine nee’ Barbara, imwieled Qormi nhar is-7 ta’ Mejju, 1942 u residenti fil-fond numru 1, Sqaq San Pietru numru 1, Qormi u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 277342M.

Akkuzat talli:

1. Fid-09 ta' April, 2009 ghall-habta ta' 10:00hrs, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sunny Degabriele minn Hal Qormi u dan billi wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta u jniggez fuq il-persuna ta' Sunny Degabriele, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess jum, data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Sunny Degabriele sabiex jingurjah, iddejjqu jew jaghmillu hsara;

4. U aktar talli fl-istess jum, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Carmel Degabgriele u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Sunny Degabriele u l-familja tieghu minn Hal Qormi u tapplika l-provvediment ta' Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 218, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-tratazzjoni tal-partijijet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jittrattaw incident li sehh nhar id-9 ta' April 2009 meta l-imputat u l-parte civile, Sunny Degabriele, gew f'l-idejn wara li gew wicc imbwicc fi Triq il-Kbira Qormi. Dwar dan l-incident ittiehdu proceduri ukoll kontra Sunny Degabirele liema proceduri qed jinstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

Illi l-unici zewg persuni li setghu jitfghu dawl fuq x'wassal biex beda l-incident u dwar id-dinamika ta' l-incident huma z-zewg partijiet involuti ghaliex ma kienx hemm xhieda okkulari ohra. Fil-verita tressqu diversi xhieda ohra inkluz pulizija, li dak il-hin ma kienx xoghol pero inzerta kien ghaddej mill-post ta' l-incident. Meta dan il-pulizija wasal fil-post ta' l-incident l-imputat u l-parte civile kienu diga ma'l-art maqbudin f'xulxin.

Illi ghandu jinghad li tressqet xhud okkulari ohra, certa Maria Dolores Casha; il-Qorti pero ikollha tiskarta d-depozizzjoni taghha bhala wahda inattendibbli ghaliex hareg bic-car li hija giet il-Qorti biex tirrispondi l-mistoqsijiet li sarulha mid-difiza ghalkemm hija kienet xhud tal-prosekuzzjoni u dan wassalha biex tibdel il-verzjoni taghha diversi drabi skond min jistaqsija l-mistoqsijiet.

Illi pero anke l-verzjonijiet moghtija mill-parte civile u mill-imputat huma kunfliggenti ghall-ahhar. Il-parte civile jinsisti li meta huwa gie vicin l-imputat kien dan li beda joffendih u li hu kull ma ghamel kien li qal lill-imputat biex jieqaf minn dan l-agir. Dan pero mhux talli ma waqafx, imma hareg mus mill-but tal-qalziet u beda jxejjer daqqiet b'dan il-mus fid-direzzjoni ta' ghonq il-parte civile. Kien ghalhekk li l-parte civile beda jxejjer daqqiet ta' ponn u cioe biex jiddefendi ruhhu; f'xi hin waqghu ma'l-art u l-parte civile gie fuq l-imputat; minkejja dan, ikkompli jghid,

hu ma setghax iqum minn fuq l-imputat ghaliex l-imputat kien qed izommu mill-qmis b'id wahda fil-waqt li b'idu l-ohra kien qed ikompli jxejjer bil-mus. Il-parte civile jkompla jirrakkonta li waqt li kienu hemm ma'l-art sema lehen ta' persuna li identifikat ruhha bhala pulizija u anke tkellem mieghu; din il-persuna tkellmet ma persuna ohra u sadattant hadd minn dawn iz-zewg persuni intervjena biex jghin jew jifred. Kien biss meta gew numru ta'pulizija li xi hadd minnhom intervjena biex jifridhom.

Illi l-imputat min-naha l-ohra jghid li kien sejjer lejn id-dar wara li mar jixtri xi frott meta lemah lill-parte civile gej mid-direzzjoni opposta; x'hin gew hdejn xulxin, il-parte civile offendih u fil-waqt li l-imputat ma rreagixxa b'l-ebda mod il-parte civile immedjatament beda jaghtih bil-ponn u bis-sieq tant li waqghu ma'l-art. L-imputat jghid ukoll li f'xi hin l-parte civile qabda u poggielu mus f'idu u waqt li baqa jzommlu idu prova jaghtih daqqa b'dak l-istess mus. Kien propju f'dak il-hin li ntevjenew il-pulizija biex jifirduhom.

Illi qari taz-zewg depozizzjonijiet in ezami juri li t-tnejn huma assolutament inverosimili f'diversi aspetti u dan jimpingi fuq il-kredibilita taz-zewg persuni koncernati. Jekk wiehed jara d-depozizzjoni ta' PS345 Mark Cremona jirrizulta li meta dan wasal fuq il-post ta' l-incident huwa ra lill-parte civile jaghti daqqiet ta' ponn lill-imputat li da parti tieghu kellu mus f'idejh; huwa intervjena mill-ewwel u hekk kif kien qed jifridhom ghajjat lill-PC1597 Alfred Chetcuti, li inzerta ukoll ghaddej minn hemm, biex jassistih. Huma firduhom u lahqu mmanettjaw lill-parte civile sa kemm waslu surgent u kuntistabbli mil-ghassa. Minhabba l-griehi li garrab l-imputat issejhet ambulanza biex tiehdu l-isptar fejn inzamm xi jiem ghall-kura; huwa gie certifikat li kien qed ibghati minn griehi gravi. It-tabib li invistah ikkonferma ukoll li l-griehi li huwa ra kienu kompatibbli ma' blunt trawma u mhux ma' daqqiet ta' strument bil-ponta u li jaqta'. Minhabba l-grif li l-parte civile kellu f'ghonqu huwa ukoll intbaghat ic-centru tas-sahha fejn gie certifikat li kien qed ibaghti minn griehi hfif b'feriti li kienu superficjali fis-sens li kienu jmissu biss il-gilda.

Illi d-depozizzjoni ta’ PS345 Mark Cremona tigibbed kemm lill-imputat kif ukoll lill-parte civile f’diversi aspetti tad-depozizzjoni taghhom u tkompli timmina l-krediblita taz-zewg partijiet.

Illi f’dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li huwa opportun li jigi rilevat li f’proceduri kriminali ma jispettax lill-imputat biex jipprova l-innocenza tieghu imma hija l-posekuzzjoni li ghandha tipprova r-reita ta’l-imputat, u dan trid taghmlu ‘l hemm minn kull dubbju dettat mill-Ligi.

Illi l-uniku xhud attendibbli, PS345 Mark Cremona, qal li meta huwa wasal fuq il-post ra lill-parte civile jaghti daqqiet ta’ ponn lill-imputat waqt li kienu ma’l-art; dak il-hin il-parte civile kien qieghed fuq l-imputat. Fil-verita l-parte civile kien fuq l-imputat il-hin kollu li huma kienu ma’l-art ghaliex dan huwa fatt ammess mill-istess parte civile. Ghandu jinghad li PS345 Mark Cremona qal ukoll li hu ra ukoll il-mus f’idejn l-imputat.

Illi pero kwistjoni fundamentali fir-rizoluzzjoni ta’ dan il-kaz hija minn mill-partijiet kien l-ewwel li agredixxa lill-iehor u konsegwentement min irreagixxa biex jiddefendi ruhu. Id-depozizzjoni ta’ PS345 Mark Cremona tghin biex titfa dawl fuq il-kredibilita tal-partijiet involuti f’l-incident pero ma titfa l-ebda dwal fuq dan il-punt fundamentali. Il-fatt fih innifsu li l-imputat kellu mus f’idejh meta inzerta wasal is-surgent fuq il-post m’hiex indikazzjoni li kien l-imputat li beda l-aggressjoni.

Illi huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Il-Qorti ghandha tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’xiex ghandha temmnu. Sfortunatament, fil-kaz in ezami, il-Qorti ma tqis il-verzjoni mghotija minn Sunny Degabriele, b’l-inkonsistenzi u inezattezzi kollha li fiha, bhala prova ’l hemm minn kull dubbju dettat mill-Ligi li kien propju l-imputat li beda sia l-argument verbali sia l-aggressjoni fizika. Il-Qorti ghad ghandha dak li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tirreferi ghaliha bhala *lurking doubt* u

f'dawn ic-cirkostanzi ma jistghax jinghad li l-kaz gie pruvat fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------